MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Numru. 616/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Fernando Ionut Munteanu**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fernando Ionut Munteanu detentur tal-passaport Rumen 14642492.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Dicembru 2013 u fil-jiem ta' qabel:
Biegh jew xort'ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu**.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabix f'kaz ta' hija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti ipprezenti; inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u li kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni; u

Rat illi l-imputat huwa minuri u li ghalhekk peress li huwa kkopera mal-prosekuzzjoni, ghandu jibbenefika doppjament mit-tnaqqas ta' piena.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(e) u 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u wara r-riduzzjoni tal-piena hawn fuq indikata, thoss illi l-imputat Fernando Ionut Munteanu m'ghandux jiskonta l-ebda piena karcerarja izda tikkundannah biss multa ta' hames mitt Ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------